XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 402*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 30*
*Il-Ġimgħa 8 ta'Jannar, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.45pm.*

| | |
|---|---|
| *Preżenti:* | *Dr. Monica Vella - Sindku*<br>*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*<br>*Mr. Teddy Mizzi*<br>*Mr Hubert Saliba* |
| *Skużata:* | *Dr. Marthese Portelli* |
| *Uffiċjali:* | *Mr. Ruben Cassar* |

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 401 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Mill-Minuti tal-Laqgħa Nru 401**

*Minuti 401, Paġna 4 Materja Oħra Paragrafu ix*

Is-Sindku pproponiet sabiex isir ix-xogħol meħtieġ biex il-bankina tal-pjazza kantuniera ma' Triq il-Knisja ma tibqax tiżloq. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk ser isir ix-xogħol meħtieġ.

**2. Performance Bonus**

Bit-tibdil li sar wara r-riforma tal-Kunsilli Lokali, is-sena finanzjarja tal-Kunsill issa m'għadhix minn April sa Marzu izda saret minn Jannar sa Diċembru. Il-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Assistent Prinċipal għas-sena 2009 għandu jingħata f'Jannar 2010 kif spjegat f'Memo 86/2009. Għal din is-sena dan se jingħata proporzjalment (għall-ammont ta' disa' xhur, minn April sa Dicembru 2009).

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar il-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv Ruben Cassar u anke tal-Assistent Prinċipal Mary Haber u qabel unanimament li għandhom jieħdu l-performance bonus sħiħ.

**3. Traffic Management fi Triq Torri Tingi kantuniera ma' Triq Ħġejjeġ**

Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva lmenti dwar periklu tat-traffiku li hawn fejn l-uffiċċju tal-Kunsill, Triq Torri Tingi kantuniera ma' Triq Ħġejjeġ. Il-Kunsill qabel li nitolbu lill-Perit Saliba sabiex jagħmel survey u proposti tat-traffiku. Wara jekk il-Kunsill ikun jaqbel, il-proposta ngħadduha għall-approvazzjoni tal-ADT.

**4. Karnival 2010**

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar l-attivitajiet tal-Karnival. F'dan il-ħin kien hawn preżenti Paul Axiaq. Paul Axiaq informa lill-Kunsill dwar il-possibilta li fl-inħawi tax-Xħajma jorganizza ballu tal-Karnival. Huwa se jieħu ħsieb kollox u qed jitlob biss li l-Kunsill ma joġġezjonax biex dan ikun jista' jsir. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni dwar din l-attivita. Il-Kunsill u Paul Axiaq iddiskutew flimkien dwar kif din l-attivita tista' tkun organizzata. Pual Axiaq irringrazzja lill-Kunsill tal-appoġġ tiegħu għal din l-attivita u wara ħareġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

Il-Kunsill kompla jiddiskuti dwar l-attivitajiet tal-Karnival 2010. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienu diġa bdew il-kuntatti biex insibu mistiednin speċjali biex jieħdu sehem fil-Karnival tax-Xewkija. Għall-attivitajiet ta' din is-sena il-Kunsill se jingħata €3000 mill-iskema ta' fondi speċjali dwar l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel li għandna norganizzaw l-ikla tradizzjonali magħrufa bħala Giovedi Grasso u nistiednu lil group Zoo biex jagħmlu l-entertainment. Din l-attivita ser issir fis-sala tal-iskola primarja nhar il-Ħamis 11 ta' Frar.

Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu organizzati l-kompetizzjonijiet tal-kostumi u anke tal-karrijiet kif sar dawn l-aħħar snin. Għalhekk il-Ġimgħa 12 ta' Frar ser issir serata Karnivaleska fiċ-Ċentru Parrokkjali fejn issir il-kompetizzjoni tal-kostumi. Is-Sibt 13 ta' Frar fi Pjazza San Ġwann Battista jsir iż-żfin tal-karnival minn diversi kumpaniji u anke jieħdu sehem il-karrijiet tal-karnival. Il-Ħadd 14 ta' Frar issir l-isfilata tal-karnival li tibda minn Triq Ta' Ġokk u tintemm fi Triq Ħamrija ħdejn l-iskola primarja. Wara ssir il-kukkanja. It-Tnejn 15 ta' Frar ser issir il-Kummittiva fi Pjazza San Ġwann Battista.

Il-Kunsill iddiskuta dwar il-possibilta li jsir il-karnival spontanju. Il-Kunsill qabel li għandna nkellmu lil membri tal-Kumitati tal-Banda Prekursur u Xewkija Tigers FC, lil taċ-Ċentru Parrokkjali u kif ukoll lis-sidien tal-ħwienet tal-Youth Club u tal-Bombos biex fil-ħwienet tagħhom mill-Ġimgħa 12 sat-Tlieta 16 ta' Frar jorganizzaw daqq tradizzjonali tal-karnival permezz tad-daqqaqa jew xi 'bands' u b'hekk tinħoloq l-atmosfera tal-karnival tradizzjonali li tant kien popolari fix-Xewkija sa ftit tas-snin ilu. Dawn il-ħwienet jinsabu fi Pjazza San Ġwann Battista, Triq il-Knisja, Triq Santa Katerina u Triq il-Kbira. Il-Kunsill se jgħin billi jħallas parti mill-ispejjeż għad-daqqaqa/bands billi jagħti sa massimu ta' €200 lil kull għaqda jew sid ta' ħanut.

Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn l-attivitajiet u għalhekk ser isir ix-xogħol kollu meħtieġ.

**5. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-22**

**6. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. **Skemi ta' fondi Speċjali.** Il-Kunsill irċieva diversi Memo's dwar skemi għall-fondi speċjali. Is-Segretarju qed jibgħat il-Memo's kollha lill-membri tal-Kunsill u b'hekk kulħadd ikun infurmat dwarhom. Il-Kunsill qabel li għandna naplikaw għall-fondi speċjali u b'hekk il-Kunsill ikun jista' iwettaq aktar xogħlijiet għal ġid tar-raħal tagħna. Peress li ħafna mill-iskemi li qed joħorġu jagħlqu fl-aħħar ta' Jannar, il-membri kollha huma imħeġġa sabiex jibgħatu l-proposti tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv u b'hekk tkun tista' issir l-applikazzjoni. Fost oħrajn il-Kunsill qabel li għandna napplikaw dwar l-iskema ta' Energy Saving, l-iskema Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali, skema dwar tħawwil ta' Siġar u l-iskema dwar Aċċessibilita aħjar fil-Lokalita.

ii. Il-Kunsill ġi nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu dwar l-iskema ta' Inizjattivi Sportivi 2010 ġie aċċettata u għalhekk aktar 'l quddiem se ningħataw aktar informazzjoni dwar din l-iskema.

iii. Il-Kumitat tat-Tismija ta' Toroq informa lill-Kunsill li t-triq ġdida li minn Triq San Bert twassal għal Triq Mġarr faċċata tal-universita ta' Malta (Sezzjoni ta' Għawdex) se tissemma Triq tal-Ġidi. Isem ta' triq oħra ġdida hija Trejqa taċ-Ċnus li tinsab ftit 'l ġewwa minn Triq Majmuna. Il-Kunsill qabel li għandna nordnaw it-tabelli bl-ismijiet ta' dawn it-toroq biex jeħlu fuq il-post.

iv. Il-Kunsill irċieva n-nota dwar l-atti tas-subbasta vs Charles Cordina. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li ħadna l-passi biex jieħdu l-flus pendenti li kellu jagħti Charles Cordina lill-Kunsill meta sar il-Gozo Beer Festival 2007. Ħadna passi legali biex proprjeta ta' Charles Cordina tiġi mibjugħa bis-subbasta u b'hekk il-Kunsill jiġbor il-flus dovuti lilu.

v. Il-Perit Robert Zerafa u l-Perit Walter Portelli talbu tagħrif dwar inċidenti li seħħew fi Triq Mġarr (fejn l-HOS tal-Barmil). Il-Kunsill qabel li għandna niktbu lil Perit Portelli fejn nerġgħu nitolbu li ssir laqgħa u anke mmorru spezzjoni fuq il-post u b'hekk jaraw il-problema tat-traffiku li hemm f'dawn l-inħawi. Il-Kunsill qabel li kopja tal-ittra għandha tintbgħat lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr Chris Said.

**7. Materja oħra**

i. Tessie Azzopardi li toqgħod Vjal il-Labour kantuniera ma' Triq Sardinal talbet li tiġi nstallata lampa ġdida f'din il-parti tat-triq peress li hija mudlama ħafna. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għall-approvazzjoni minn għand l-Enemalta Co. biex din il-lampa tkun tista' teħel.

ii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li rċeviet ilmenti biex isiru rampi u passaġġ bil-konkos fi Triq Kav. L. Z. Haber u fl-inħawi magħrufa bħala ta' Trejzu. Meta dawn it-toroq kienu saru bit-tarmak xi egħlieqi kienu tħallew mingħajr aċċess tajjeb għall-bdiewa u

għalhekk importanti li dawn isiru. Il-Kunsill qabel li nagħmlu x-xogħol meħtieġ. Ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill (ex WSC).

iii. Joseph Vella li joqgħod Triq in-Naġġara lmenta li fl-HOS Tal-Barmil qed imorru xi instructors jgħallmu l-karozza lill-klijenti tagħhom. Huwa qal li dawn qed ikunu ta' inkonvenjent. Il-Kunsill ma jistax jieħu azzjoni dwar dan l-ilment peress li l-instructors ma jkunux qed jiksru l-liġi.

iv. John Apap li joqgħod Triq A. Mallia Vernon ilmenta mal-Kunsill peress li fi Triq Santa Katerina qed ikun hemm min jipparkja b'tali mod li kważi jimblokka t-traffiku. Il-Kunsill qabel li għandna naraw min qed jipparkja ħażin u navżawh b'dan l-ilment. Jekk din il-problema ma tiġix solvuta, il-Kunsill jitlob l-approvazzjoni tal-ADT biex f'partijiet ta' Triq Santa Katerina ma jkunx jista' isir ipparkjar ta' karozzi.

v. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kienet marret tiċċekkja dwar il-problema ta' Triq is-27 ta' Novembru fejn residenti kienu talbu biex jitwalu s-sinjali sofor. Peress li dawn ma sarux l-istess bħal ta' faċċata tagħhom u għalhekk ma fihomx ħames metri mill-kantuniera, il-Kunsill qabel li dawn għandhom isiru.

vi. MaryAnne Mercieca talbet biex isiru sinjali sofor quddiem Grimaldi Flats fi Triq Ta' Ġokk peress li ma ġenbhom hemm garaxxijiet u jkun hemm it-trakkijiet jgħabbu jew iħottu fl-istess garaxxijiet. Hija qalet li karozzi ipparkjati hemm qed itellfuhom waqt ix-xogħol ta' tagħbija jew ħatt. Il-Kunsill ma qabilx li għandhom isiru s-sinjali sofor. Din it-triq hija triq residenzjali u mhux industrijali u għalhekk il-karozzi għandhom jitħallew jipparkjaw quddiem il-flats imsemmija.

vii. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li kellu ilmenti dwar Triq Indipendenza biex issir 'one way'. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment/proposta għaddejniha kemm 'l darba lill-ADT iżda qatt ma ġiet approvata.

viii. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ssuġġerixxa li l-arloġġ tal-pjazza jinbidel u jsir diġitali. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk il-Kunsillier Mizzi għandu jġib stima tal-ispejjeż biex dan ikun jista' jsir.

ix. Is-Sindku staqsiet f'hiex wasal il-proċess biex il-mappa tax-Xewkija li għandna fil-Pjazza tinbidel u tiġi aġġornata. Il-Kunsillier Teddy Mizzi kkuntattja lil Pual Stellini (li kellu jagħmel ix-xogħol meħtieġ) u qallu li aktar tard il-ġimgħa d-dieħla se jagħtina draft. Wara naraw x'irridu ninkludu u b'hekk x'ħin ikolna l-verżjoni finali nkunu nistgħu nwaħħluha flokk il-qadima li hemm preżentament fil-pjazza.

Il-Laqgħa spiċċat fl-9.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 29 ta' Jannar, 2010 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |